

## PROĊEDURI TAL-QORTI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Azzjoni mressqa fis-27 ta' Settembru 2022 minn Eviny AS kontra l-Awtorită ta' Sorveljanza tal-EFTA**

**(Kawża E-10/22)**

**(2022/C 437/04)**

Fis-27 ta' Settembru 2022 tressqet azzjoni kontra l-Awtorită ta' Sorveljanza tal-EFTA quddiem il-Qorti tal-EFTA minn Eviny AS, irappreżentata mill-avukati Svein Terje Tveit u Paul Gunnar Hagelund, Arntzen de Besche, Ruseløkkveien 30, 0251 Oslo, in-Norveġja.

Eviny AS titlob lill-Qorti tal-EFTA biex:

1. Tannulla d-Deċiżjoni Nru 161/22/COL, tas-6 ta' Lulju 2022, tal-Awtorită ta' Sorveljanza tal-EFTA; u
2. Tordna lill-Awtorită ta' Sorveljanza tal-EFTA sabiex iżgħarrab il-kostijiet tal-proċeduri.

Sfond legali u fattwali u motivi miġjuba bħala sostenn:

- Eviny AS (ir-“rikorrent”) hija kumpanija Norveġiża tal-enerġija rinnovablli, inkorporata taħt il-liġi Norveġiża, li tiproduċi u tqassam l-elettriku fil-Punent tan-Norveġja.
- Id-Deċiżjoni Nru 161/22/COL (“id-deċiżjoni kkontestata”) ġiet adottata wara lment minn Nelfo, assoċjazzjoni kummerċjali Norveġiża, bid-data tal-11 ta' Mejju 2017, dwar għajjnuna mill-Istat mogħtija mill-Muniċipalità ta'Bergen.
- Il-miżuri kkontestati jirrigwardaw il-kumpens żejjed għall-pagament tal-kostijiet tal-operat u tal-manutenzjoni u l-kostijiet kapitali fir-rigward tal-infrastruttura tad-dwal tat-toroq f'Bergen.
- Ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u jibbaża r-rikors tiegħu fuq il-motivi li ġejjin:
  - L-awtorită ta' Sorveljanza tal-EFTA wettqet żball manifest ta' valutazzjoni fl-applikazzjoni tagħha tal-kunċett ta' impija billi kkonkludiet li s-sjeda u l-operat tad-dwal tat-toroq huma attivită ekonomika;
  - L-awtorită ta' Sorveljanza tal-EFTA wettqet żball manifest ta' valutazzjoni meta kkonkludiet li r-rikorrent irċieva vantaġġ ekonomiku permezz ta' kumpens żejjed;
  - Ma hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni jew effett fuq il-kummerċ;
  - L-ghajjnuna allegata għandha tiġi klassifikata bħala ghajjnuna eżistenti li mhixiex soġġetta għal irkupru; u
  - Id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq eżami insuffċienti tal-fatti u tonqos milli tippordi motivazzjoni xierqa bi ksur tal-Artikolu 16 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorită ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.